

Brussell, 23 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9555/26
COR 1

SOC 280
GENDER 43
ANTIDISCRIM 59
JAI 633
DROIPEN 95
TELECOM 255
CYBER 242
JEUN 82

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8592/1/26 REV 1	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet - <i>Approvazzjoni</i>

Fid-dokument ST 9555/26, fil-paġna 22, il-paragrafu 33 għandu jaqra kif ġej:

33. Jinkoraġġixxu **lill-fornituri** tas-servizzi intermedjarji rilevanti bħal pjattaformi ta' hosting online, kumpaniji li jipprovdu servizzi tal-media soċjali diġitali, fornituri ta' pjattaformi ta' video-on-demand (VoD), kumpaniji tat-telekomunikazzjoni, u manifatturi ta' apparati elettroniċi, biex isegwu approċċ ta' protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku u sikurezza mid-disinn sabiex jipprevjenu l-użu ħażin u jinvestu f'għodod ta' identifikazzjoni u deterrenza bħal twissijiet pop-up, moderazzjoni effettiva tal-kontenut u identifikazzjoni bbażata fuq l-immaġnijiet ta' kontenut ta' ħsara u salvagwardji kontra l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' immaġnijiet intimi, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

37. Jinkoraġġixxu **lill-fornituri** tas-servizzi intermedjarji rilevanti bħall-pjattaformi ta' hosting online u servizzi intermedjarji oħra biex jidentifikaw u jimmitigaw ir-riskji sistemiċi relatati mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż dawk li jirriżultaw minn sistemi ta' rakkomandazzjoni, sistemi tal-IA ġenerattivi u mekkaniżmi awtomatizzati ta' amplifikazzjoni tal-kontenut u biex jiġġieldu kontra kontenut dannuż, u meta xieraq ineħħu minnufih it-tali kontenut, inkluż diskors ta' mibegħda online u materjal ieħor immirat lejn il-bniet, inkluż bniet mill-komunità LGBTI u bniet b'diżabilità jew minn minoranzi razzjali, etniċi jew reliġjużi, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali inkluż il-libertà tal-espressjoni.
38. Jinkoraġġixxu **lill-fornituri** tas-servizzi intermedjarji bħall-pjattaformi ta' hosting online u servizzi intermedjarji oħra biex jorbtu l-mekkaniżmi ta' rapportar tal-vittmi ma' infrastrutturi tekniċi li jippermettu l-imblukkar bejn il-pjattaformi u l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-vittmi, inkluż mekkaniżmi li jiżguraw rimedju aċċessibbli u rimedji għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija, u biex japplikaw prinċipji ta' sikurezza mid-disinn fl-iżvilupp u t-tħaddim ta' servizzi diġitali.
-